**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 17 ta' Marzu, 2016**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 601/2014**

**Natalia Menshova**

**vs**

**Raphael Asciak f'ismu proprju u fil-kwalita tieghu ta' direttur u rapprezentant tas-socjetajiet Saint Springs Limited u MJA Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tas-7 ta' Lulju 2014 li jghid hekk:

Illi l-esponenti kienet isservi ta' direttrici mal-kumpanija Saint Springs Limited (C22404) (min hawn il-quddiem imsejjha "il-Kumpanija") mis-7 ta' April 2003 sat-28 ta' Novembru 2011 flimkien mal-intimat Ralph Asciack (ara Dokument anness u mmarkat 'Dok. MN1');

Illi ulterjorment, il-kontendenti kienu f'relazzjoni u sahansitra ghexu flimkien ghall-perjodu ta' tmintax-il sena u cioe mis-sena 1993 sa Novembru 2011;

Illi din ir-relazzjoni bejn il-kontendenti tfarrket irremedjabbilment u l-intimat b'mod abbuziv u assolutament vendikattiv stqarr bosta drabi mall-esponenti illi ser jaghmlilha hajjitha mizerja u jcahhadda mill-introjtu u l-ghijxien dinjituz taghha;

Illi fil-fatt, l-intimat ko-direttur unikament u minn jeddu, jew taht il-kontroll u direzzjoni tieghu, qabad u nehha lill-esponenti mill-kariga taghha ta' direttrici tal-kumpanija fit-28 ta' Novembru 2011 kif juru d-dokumenti hawn annessi u mmarkati 'Dok. MN2' u 'Dok. MN3' rispettivament u kif ser jigi wkoll ippruvat fil-mori tal-kawza;

Illi madankollu u wara rizoluzzjoni specjali tal-kumpanija, il-kontendenti ghamlu ftehim bil-miktub bejniethom datat 16 ta' Settembru 2010 fejn jirrizulta b'mod car fl-ewwel paragrafi tieghu illi l-esponenti hija t-titolari ta' hamsin fil-mija (50%) tal-assi netti tal-kumpanija kif ukoll, fit-Tielet Parti (Sub-Titolu B), fil-kaz ta' rizenja, terminazzjoni jew mewt tal-esponenti d-direttur l-iehor, u cioe l-intimat, ghandu jittrasferrixi lill-esponenti hamsin fil-mija (50%) tal-assi netti tal-kumpanija personalment lilha (ara kopja tal-kuntratt anness u mmarkat 'Dok. MN4');

Illi sal-lum dawn l-assi ghadhom ma gewx mghoddijja jew trasferiti lill-esponenti, minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi biex jaghmel dan, u dan bi ksur lampanti tal-principju legali u civili tal-pacta sunt servanda;

Illi di piu l-esponenti kienet l-agent principali tal-kumpanija fis-sens illi kienet hi li tiehu hsieb in-negozju proprju taghha u kienet hi li tiltaqa' u tinnegozja mal-agenti, suppliers, u l-klijentela tal-istess socjeta mentri l-intimat l-iehor kien jiehu hsieb biss il-finanzi tal-istess socjeta;

Illi, kif ser jigi ppruvat, il-finanzi jew cash flow tal-kumpanija ghall-perjodu 2000 u 2011 kien wiehed ragjonevolment b'sahhtu tant li f'dan il-perjodu l-istess kumpanija ghamlet qliegh ta' madwar sitt mitt elf ewro (€600,000). Illi ukoll, u in sostenn ta' dan, l-esponenti qed tesibixxi kopja tal-ahhar kuntratt datat 1 ta' Marzu 2011 illi hija nnegozjat b'success f'isem il-kumpanija, liema kuntratt dahhal jew seta' jdahhal is-somma totali (gross) ta' sebghin elf, seba' mija u hdax-il ewro u erbgha u tletin centezmu (€70,711.34) (kopja ta' dan il-kuntratt qed jigi anness u mmarkat 'Dok. MN5');

Illi jekk ghal xi raguni jew ohra jirrizulta ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti illi l-assi netti tal-kumpanija kienu ferm baxxi jew addirittura fin-negattiv fid-data tat-terminazzjoni tal-esponenti mill-irwol taghha fil-kumpanija, l-intimat Ralph Asciack ghandu jigi dikjarat personalment responsabbli ghal kwalunkwe somma li ghandha tigi likwidata u mghoddijja lill-esponenti skont il-ftehim riferut aktar il-fuq;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghalfejn ma ghandix dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti hija l-kreditrici ta' hamsin fil-mija tal-assi netti tal-istess socjeta Saint Springs Limited u dan abbazi tal-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti datat 16 ta' Settembru 2010 fuq riferut;

2. Tillikwida l-ammont tas-sehem tal-assi netti tal-kumpanija msemmijja dovuti lill-esponenti;

3. Tikkundanna lill-Ralph Asciack qua direttur uniku, u rapprezentant legali tas-socjeta Saint Springs Limited sabiex jghaddi u jhallas lill-esponenti hamsin fil-mija (50%) tal-assi netti hekk likwidati;

4. F'kaz illi jirrizulta, ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti, illi l-istess Ralph Asciack bil-volonta tieghu u/jew b'negligenza jew amminstrazzjoni hazina naqqas jew zvaluta drastikament il-valur tal-assi tal-istess Saint Springs Limited, tikkundanah

personalment sabiex jghaddi u jhallas lilI-esponenti hamsin fil-mija (50%) tal-assi netti hekk likwidati;

BI-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament l-intimati jirrilevaw illi hemm zball bil-mod li gie miktub isem l-intimat li fil-fatt jismu "Raphael Asciak";

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti qatt ma setghet tipprocedi b'din l-azzjoni qabel ma halset l-ispejjez inkorsi mis-socjeta intimata Saint Springs Limited in konnessjoni mar-risposta taghha ghall-kontrotalba li giet intavolata mir-rikorrenti fil-kawza "Saint Springs Limited vs Natalia Menshova et – 703/12MCH' u li giet debitament ceduta mir-rikorrenti, u kif ukoll l-ispejjez tar-rikors ghar-revoka tal-mandat li saret mil-istess socjeta ghal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li saret mir-rikorrenti (a bazi ta' dik l-istess kontrotalba) liema sekwestru gie mnehhi mill-istess rikorrenti u l-penali dovuti lir-rikorrenti a bazi ta' digriet datat tlieta (3) ta' Lulju 2014 li sal-lum ghadhom ma thallsux u dana kollu ai termini tal-artikolu 907 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimata socjeta MJA Services Limited ghanda tigi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi hi ma ghandha x'taqsam xejn ma' dina l-kwistjoni u fil-fatt lanqas ma tissemma mir-rikorrenti fil-premessi u lanqas fit-talbiet taghha u dana bl-ispejjez kontra taghha;

4. Illi fil-mertu l-intimati jirrilevaw illi din l-azzjoni hija wahda improponibbli u t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti peress illi t-talbiet huma bbazati essenzjalment fuq ftehim li huwa null u dana minhabba l-fatt illi dan l-istess ftehim jikser l-ordni pubbliku ghaliex (a) huwa ntiz biex jevita l-applikazzjoni tal-provedimenti tad-dritt socjetarju dwar l-istralc ta' kumpannija u distribuzzjoni tal-assi u (b) il-causa tal-ftehim mhix skont il-ligi u dana peress illi diretturi ta' kumpannija ma jistghux jaqblu li jiddipsonu minn proprjeta ta' kumpannija a favur taghhom stess meta ghandhom obbligi fiducjarji versu l-istess kumpannija;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimat f'ismu propju ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi huwa qatt ma agixxa fil-vesti tieghu personali f'dina l-materja u konsegwentament it-talba numru tlieta (3) hekk kif dedotta ghandha tigi michuda tenendo kont li fl-ahjar ipotesi ghar-rikorrenti, ghandha tkun il-kumpanjia intimata Saint Springs Ltd li ghandha thallas u mhux l-intimat proprio;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba numru erbgha (4) tar-rikorrenti huwa mproponibbli u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha u dana ghaliex huwa principju ben stabbilit illi sabiex direttur ta' socjeta kummercjali jinstab responsabbli personalment ghal ghemil tieghu qua direttur ta' socjeta kummercjali irid ikun hemm azzjoni ad hoc u indipendenti dwar il-"lifting of the corporate veil" u ghalhekk japplika ukoll il-principju "elecata una via non datum ricorsus ad alteram";

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimat Raphael Asciak jichad li huwa b'xi dolo jew culpa zvaluta l-assi tas-socjeta Saint Springs Limited u dana hekk kif se jipprova f'dina l-kawza;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti kollha ghandhom jigu michuda u dana peress illi permezz ta' kawza ohra fl-ismijiet "Saint Springs Limited vs Natalia Menshova et – 703/12MCH" is-socjeta intimata Saint Springs Limited qed tfittex l-istess rikorrenti f'dina l-kawza inter alia ghad-danni li soffriet l-istess socjeta Saint Springs Limited u dana ghad-diversi nuqqasijiet kbar li wetqet ir-rikorrenti fiz-zmien illi kienet direttur tal-istess u fiz-zmien ta' wara u ghalhekk japplika l-principju inademplenti non est inademplentum u dana ghaliex huwa inkoncepibbli illi r-rikorrenti wara li kkawzat daqshekk hsara lis-socjeta intimata Saint Springs Limited issa qed taghmel it-talbiet odjerni;

9. Illi minghajr pregudizzju ghal difizi 'l fuq elenkati, in-net asset value tas-socjeta intimata Saint Springs Ltd fi zmien illi r-rikorrenti giet mnehhija minn direttur kien ad in circa sittin elf ewro (€60,000) minn taht u dana ghar-ragunijet li ghalihom primarjament nfethet l-kawza su-riferita u li huma imputabbli unikament lill-intimata u ghalhekk tnehhiet minn direttur tas-socjeta Saint Springs Limited u definittivament mhux minhabba xi ghemil ta' dolo jew culpa minn naha ta' Raphael Asciak hekk kif se jigi ppruvat f'dawn il-proceduri u ghalhekk ir-rikorrenti fil-premessi taghha qed tipprova tpingi stampa inveritiera tal-andament tas-socjeta Saint Springs Ltd u dana hekk kif se jkollhom l-opportunita li jipprovaw l-intimati f'dina l-kawza;

10. Salv linji difensjonali ulterjuri skont il-ligi;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti cioe n-nullita tal-proceduri ghal finijiet talartikolu 907(2) tal-Kap. 12.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti wara din l-eccezzjoni huma s-segwenti. Saret kawza fl-ismijiet inversi (703.2012) quddiem din il-Qorti kif preseduta u l-attrici odjerna kienet ghamlet risposta ghat-talbiet u pprezentat kontrotalba. Din il-kontrotalba gie ceduta mill-attrici odjerna b'nota tal-4 ta' Frar 2014.

Fil-kawza **Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, intqal hekk fuq din l-ghamla ta' eccezzjoni:

> Illi l-ligi tistabilixxi liema huma c-cirkostanzi li fihom tista' titressaq l-eccezzjoni li att gudizzjarju jkun ma jiswiex u dawn ic-cirkostanzi huma mizmuma bhala tassattivi sewwasew minhabba l-effett li jista' jingieb jekk il-

Qorti jkollha tilqa' eccezzjoni bhal dik. Fost l-erba' cirkostanzi applikabbli hemm dik fejn in-nullita tal-att hija dikjarata espressament mil-ligi (art. 789(1)(a) tal-Kap. 12);

Illi l-ligi tahseb ukoll ghall-kaz fejn parti taghzel li tirrinunzja ghall-atti li hija tkun ressqet f'Qorti, u filwaqt li taghti ghazla hielsa lill-istess parti fejn tali rinunzja tkun minghajr kundizzjoni, torbotha madankollu li ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess haga kontra l-istess persuna qabel ma tkun hallset l-ispejjez tal-kawza rinunzjata lill-parti l-ohra (art. 907(2) tal-Kap. 12). L-imharrek jistrieh fuq din id-dispozizzjoni biex isejjes l-eccezzjoni tieghu li l-azzjoni attrici ma tiswiex;

Illi ta' min jghid li r-rinunzja jew cessjoni ttemm il-procedura li tkun giet hekk ceduta imma ma ttemmx il-jedd ghall-azzjoni, l-izjed meta r-rinunzja jew ic-cessjoni tkun saret mill-parti attrici "biex tirregola ruhha" (ara Kollez. Vol: XXVIII.iii.737). Huwa ghalhekk li l-ligi tqabbel ir-rinunzja mad-dezerzjoni ghal dak li huwa effett (art. 907(1) tal-Kap. 12). Izda minhabba li l-effetti tar-rinunzja huma bhal dawk li jsehhu fid-dezerzjoni, persuna li trid terga' tiftah kawza fuq l-istess haga kontra l-istess persuna jehtigilha li, qabel, thallas l-ispejjez tal-kawza ceduta. Fin-nuqqas, il-parti mharrka ghandha jedd li tqanqal l-eccezzjoni relattiva li, jekk tintlaqa', twassal lil dik il-parti li tinheles milli tibqa' izjed fil-kawza (Caruana Galizia **Notes on Civil Procedure**, pag. 1452);

Illi l-ligi torbot ir-regola tal-hlas tal-ispejjez lill-parti l-ohra dwar il-kawza ta' qabel ma azzjoni li tkun "ghall-istess haga". Dan jghodd ukoll jekk it-tieni kawza titressaq quddiem Qorti differenti minn dik li quddiemha kienet tressqet il-kawza li giet ceduta (App. Krim. Inf. 30.6.1960 fil-kawza fl-ismijiet Mangion vs Meli Bugeja (Kollez. Vol: XLIV.iv.771)). Dak li jikkostitwixxi "l-istess haga" m'huwiex tabilfors l-uzu tal-istess kliem, imma n-natura fil-qofol tal-azzjoni l-wahda u l-ohra;

Illi l-Qorti hija tal-fehma wkoll li r-regola tal-artikolu 907 tidhol fis-sehh biss jekk kemm-il darba t-tieni kawza tinbeda wara li l-ewwel wahda tkun diga' giet ceduta.

B-referenza ghal fattispecie ta' din il-kawza, jidher illi l-attrici odjerna ghamlet kontrotalba fil-kawza fl-ismijiet inversi (703/2012). Din il-kontrotalba gie ceduta fl-4 ta' Frar 2014, cioe qabel nfethet din il-kawza. Kontrotalba hi talba gudizjarja fiha nfisha u anki jekk tigi ceduta l-kawza principali, il-kontrotalba ghandha hajja indipendenti u ekwivalenti ghal kawza 'stand alone'.

Jekk wiehed ihares lejn it-termini tal-kontrotalba ceduta t-talba hi biex Natalia Menshova tiehu sehemha minn net asset value tal-kumpanijia Saint Springs Limited li taghha kellha hamsin fil-mija tal-assi. Fil-kawza quddiem din il-Qorti l-ewwel tlett

talbiet huma identici biz-zieda ta' talba personali kontra Ralph Asciak li jkun responsabbli hu ghal hlas ta' sehemha f'kaz ta' sejbien ta' negligenza jew amministrazzjoni hazina qua direttrici.

Kwindi hu car illi l-kawza prezenti hi fis-sustanza l-istess bhal kontrotalba ceduta. Jirrizulta mix-xhieda guramentata ta' Ralph Asciak fis-seduta tal-24 ta' Frar 2016 illi ghadu ma thallas it-taxxa ta' drittijiet u spejjez dwar il-kontrotalba fil-kawza 703/2012 minghand Natalia Menshova, u l-istess Menshova ma cahditx tali dikjarazzjoni. Il-Qorti ser tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, u kwindi qed tikkikjara null l-att gudizjarju li bih infethet din il-kawza u dan a bazi tal-artikolu 789(1)(a) tal-Kap. 12. Spejjez ghall-attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur